MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 172/2007

**Borda Brothers Ltd**

**vs**

**Elisa Grieco**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta` Frar, 2007, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Euro652.22c gia` Lm260, rapprezentanti erba` snin cens ghal perjodu bejn is-27 ta` Lulju, 2004 sas-26 ta` Lulju, 2008 gravanti l-Flat numru 11, Paceville Court, Ball Street, Paceville.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra legali datata 30 ta` Ottubru, 2006 u bl-imghax kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha

u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

U peress illi l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma deheritx la fis-seduta tat-28 ta` Novembru, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta’ llum, in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro652.22c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------